MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 102/2010

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Clarie L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ivan Cilia]**

**vs**

**Mark Anthony Barbara**

**Illum, 10 ta' Jannar, 2011**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Anthony Barbara detentur tal-karta tal-identita` numru 4675(M).

Akkuzat talli fis-snin 2007 u 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Santa Lucia Bocci Club;

b. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe` s-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

c. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

d. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

e. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li tkun ta' hsara ghal persuna ohra, jew bl-istess hsieb zied fuq karta in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola.

Wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati, il-fedina penali tal-istess imputat li hija netta, u l-ezami tieghu fejn wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien sabiex jahsibha;

Wara li rat ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet;

Ikkunsidrat, illi l-imputat ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija u mill-ewwel irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi kollha u anke beda jhallas l-ammont mertu tal-akkuzi odjerni.

Illi ghal dawn il-motivi;
U wara li rat l-Artikoli 183 u 184 li tigi assorbita fiha, l-Artikolu 293 li jigi assorbit fl-Artikolu 294 u l-Artikoli 297, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mark Anthony Barbara hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, tikkundannah erba' u ghoxrin xahar (24) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------